BIRKIRKARA

# KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA

Lil Membri u l-Ufficjali kollha tal-Kunsill

## Laqgha tal-Kunsill

Qieghed terga tigi msejjah biex tattendi ghall-Hames laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Birkirkara fl-ufficcji taghhom, li ser issir nhar il-Hamis, 3 ta' Settembru 2009, fis-6:00pm

Joseph Tabone
Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill

## Agenda

1 **Talba**
2 **Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgha numru 4**
3 **Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw mill-minuti tal-laqgha numru 4**
4 **Approvazzjoni tal-Lista tal-Pagamenti numru 4**
5 **Approvazzjoni tal-lista tal-Flus Kontanti**
6 **Korrispondenza**
7 **Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**
8 **Komunikazzjoni mis-Sindku**
9 **Eghluq**

---

**DIN IL-LAQGHA HI MIFTUHA GHALL-PUBBLIKU**

BIRKIRKARA

Minuti tal-Hames laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Birkirkara li saret fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Hamis, 3 ta' Settembru 2009 mis-6:06pm sat-7:55pm.

| | |
|---|---|
| **Prezenti:** | Il-Membri |
| **Is-Sindku** | Is-Sur Michael Fenech Adami |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sinjura Doris Borg (Vici-Sindku) |
| | Is-Sur Emanuel Aquilina |
| | Is-Sur Mark George Abdilla |
| | Is-Sinjura Joanne Borg |
| | Is-Sur John Borg |
| | Is-Sinjura Rita Borg |
| | Dr George Debattista |
| | Is-Sur John Mary Calleja |
| | Is-Sur Anthony Buttigieg |
| | Is-Sinjorina Rose Frendo |
| | Is-Sinjorina Chirelle Sciberras |
| | |
| | Dr. Josianne Cardona Gatt – Assenti |
| | |
| **L-Ufficjal:** | |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Is-Sur Joseph Tabone |

Fil-bidu tal-laqgha kienu prezenti s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg, Emanuel Aquilina, Mark George Abdilla, Joanne Borg, John Borg, Rita Borg, Dr. George Debattista, John Mary Calleja, Anthony Buttigieg, Rose Frendo, u Chirelle Sciberras. Il-Kunsilliera Dr Josianne Cardona Gatt kienet assenti. Ghal din il-laqgha kien hemm il-prezenza ta' gurnalisti u *cameraman* mill-istazzjon tal-*One News.*

Il-laqgha kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami.

**1. Talba.**

Il-laqgha bdiet billi s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal it-talba.

**2 Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgha bin-numru 4**

Il-Minuti tar-Raba' laqgha kienu tqassmu ma' l-agenda u ttieħdu bħala moqrija. Huma gew approvati, bi tnax il-voti favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dan wara li saret korrezzjoni f'*items* 3.1, 5 u 8.1 fuq talba bil-miktub tal-Kunsillier Dr. George Debattista. Il-minuti tar-raba' laqgha tressqu ghall-approvazzjoni mis-Sindkus-Sur Michael Fenech Adami li kien sekondat mill-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg. Dawk li vvutaw favur kienu:- is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg, il-Kunsillieri s-Sinjuri: Emanuel Aquilina, Mark George Abdilla, Joanne Borg, Rita Borg, John Borg, Anthony Buttigieg, John Mary Calleja, Dr.George Debattista, Rose Frendo, u Chirelle Sciberras.

**3 Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw minn minuti numru 4**

3.1 Il-Kunsillier Dr. George Debattista ghamel riferenza ghal *item* 9.2 ghat-twegiba numru erbgha li nghata f'DOK MKL3, filwaqt li accena ghall-informazzjoni ppublikata f'gurnal lokali mid-dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar ix-xogholijiet ta' *resurfacing* li qed isiru f'diversi lokalitajiet, inkluz f'Birkirkara. Hu staqsa jekk il-figura fi flus li kienet imsemmija fil-gurnal inkwistjoni, kellhiex x'taqsam mat-twegiba li nghatat ghal wahda mill-mistoqsijiet tieghu fil-laqgha precidenti. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li l-figura li ghaliha kien qed jirreferi Dr. George Debattista kienet konnessa ma' l-allokazzjoni tal-Gvern lill-Kunsilli

Lokali filwaqt li dik imsemmija fit-twegiba kienet dwar il-UIF. Is-Sindku qal li l-informazzjoni ppublikata dwar it-toroq li fihom qed isir ix-xoghol kienet inghatat mill-Kunsill. Hawnhekk saret rimarka biex tigibed l-attenzjoni ta' l-impjegat li jiccekja l-gurnali lokali biex hu joqghod aktar attent ghal dak li jkun qed jigi ppublikat fil-gurnali lokali.

3.2 Il-Kunsillier Dr. George Debattista rega' accena ghal item 9.2 fejn ghamel riferenza ghat-twegiba numru wiehed li nghata f'DOK MKL3. Hu staqsa jekk il-kompjuters li nghataw lil Richmond Foundation kienux gew moghtija *on loan* jew le. Is-Sindku wiegeb fil-posittiv.

3.3 Il-Kunsillier Dr. George Debattista ghamel riferenza ghar-reklam ta' attivita' politika li kienet ser tittella' gewwa Gnien l-Istazzjon mid-Deputat Parlamentari Dr Beppe Fenech Adami. Ripetutament hu sostna illi hu ma kienx jaqbel li Gnien l-Istazzjon jintuza ghall-attivitajiet politici, imma kien jaqbel biss li dan il-gnien jintuza ghall-attivitajiet socjo-kulturali. Hu sostna li dwar din il-haga l-Kunsill ghandu jiehu vot. Hawnhekk saret diskussjoni fejn gew espressi diversi opinjonijiet, fosthom, illi gnien l-istazzjon ghandu jintuza ghal skopijiet socjo-kulturali biss, illi ghandna nhallu jsiru attivitajiet politici li ma jkunux bi hlas, filwaqt li kien hemm min sostna illi attivitajiet politici m'ghandhomx isiru taht l-ebda cirkostanza. Il-Kunsilliera is-Sinjura Joanne Borg issuggerit illi biex jigu evitati problemi bhal dawn kull applikazzjoni ghal attivita' fi Gnien l-istazzjon ghandha tittella' quddiem il-Kunsill, filwaqt li l-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg issuggerit li ghandna naghmlu *Bye-law* **u jigi stabbilit hlas ragjonevoli skond l-attivita.** Hawnhekk is-Sindku is-Sur Michael Fenech Adami qal li hu qatt ma sab oggezzjoni li politikant juza' l-post imsemmi ghall-attivitajiet socjali u dan wara talba bil-miktub li l-applikant ikun ghamel lill-Kunsill kif ukoll wara li l-applikant ikun ta donazzjoni lill-Kunsill. Is-Sindku filwaqt li fakkar illi l-Gnien fix-xhur li ghaddew gieli ntuza' ghall-attivitajiet politici u socjali minn Deputati / Kanditati taz-zewg Partiti Politici, fejn hadd u qatt ma qal xejn mill-Kunsilliera. Is-Sindku sostna illi dwar min ghandu juza' l-Gnien jew le, ghandna niehdu direzzjoni legali, halli ma jinholqux precidenti ma' hadd.. Is-Sindku qal li din id-direzzjoni wara tigi kkomunikata lill-kunsill fil-laqgha li jmiss tal-Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil unanimu mill-membri kollha prezenti. Qabel spiccat id-diskussjoni l-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg issugerixxa illi kif ikollna din id-direzzjoni s-Sindku ghandu jsejjah laqgha b'urgenza. **Fuq dan kien hemm qbil unanimu.**

3.4 Il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg staqsa meta kienu ser jintbghatu l-kopji tal-minuti kkoreguti lill-Kunsilliera ? Is-Sindku qal li peress li l-problema ta'l-iscanner kienet giet solvuta, il-minuti kienu ser jintbghatu sa nofs il-gimgha li jmiss.

3.5 Il-Kunsilliera s-Sinjura Joanne Borg acceniet ghal *item* 10. Hi qalet li hi ma kinitx taqbel li ghandna inhallu aktar minn hmistax biex issir laqgha tal-Kunsill. Hi staqsiet kif din il-laqgha saret fil-gurnata tal-Hamis ? Is-Sindku wiegeb illi fil-laqgha precidenti kien hemm qbil unanimu illi din il-laqgha ssir fil-gurnata tal-Hamis minhabba li diversi kunsilliera ma setghux fil-granet l-ohra. Hawnhekk il-Kunsillier Dr. George Debattista qal li hu kien jaqbel li l-laqgha ghandha issir kull hmistax u dan biex jigu diskussi u diliberati diversi *policies* fosthom fuq il-monti. Dr Debattista qal li ghal dan il-ghan is-Segretarju ghandu jibda jhejji rapport fuq il-*policy* li tkun ser tigi diskussa biex imbaghad ir-rapport jigi diskuss quddiem il-Kunsill. Hawnhekk is-Sindku qal li ghandhom ikunu s-Sotto Kumitati rispettivi li jaghmlu dan it-tip ta' xoghol billi jipprezentaw rapporti bir-rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill halli jigu diskussi waqt il-laqghat. Hawnhekk il-Vici Sindku is-Sinjura Doris Borg qablet ma' dak li ghadu kif inghad mis-Sindku

## 4 Approvazzjoni tal-lista tax-Xiri u pagamenti numru 4

Il-lista tax-xiri u l-pagamenti numru 4 kienet tqassmet lill-kunsilliera kollha ma' l-agenda u ttiehdet bhala moqrija. Saret diskussjoni fejn il-Kunsillier Dr. George Debattista accena ghal *items* 1, 2 fejn staqsa jekk it-televixin li tpogga ghall-uzu tal-pubbliku kienx imqabbad mad-dawl tal-Gnien. Is-Sindku wiegeb fil-posittiv. Dr Debattista accena ukoll ghal *item* 35, 39, 51 u 54. Dwar item 35 is-Sindku qal li dawk kienu T-Shirt ghal haddiema, dwar item 39 is-Sindku qal li dak hu l-kuntratt li l-Kunsill ghandu mal-koptasin, dwar item 51 is-Sindku qal li l-bollards imsemija kienu qed jintuzaw biex jitwahhlu r-reklami maghhom li minnhom il-Kunsill qed idahhal il-flus. Dwar *item* 54 is-Sindku qal li kien ser jaghti twegiba fil-laqgha li jmiss. Il-Kunsillier Jimmy Calleja accena ghal *item* 29.

Is-Sindku wiegeb li dak kien il-van li qed jikri l-Kunsill. Il-Kunsilliera s-Sinjura Joanne Borg acceniet ghal *item 52* fejn is-Sindku wiegeb li dak kien il-kuntratt dwar is-servizz ta' sigurta'.. Il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg accena ghal *item* 40 fejn ilmenta illi l-gonna ma kienux qed jinzammu fi stat tajjeb. Il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg acceniet ghal *item* 36 fejn sostniet li ghandha issir aktar pressjoni fuq il-kuntrattur biex jitnaddfu ahjar it-toroq.

Wara li s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ta t-twegibiet mehtiega l-lista tax-xiri u pagamenti bin-numru 4 ġiet approvata bi tnax-il vot favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dan wara li tressqu ghall-approvazzjoni mis-

Sindku s-Sur Michael Fenech Adami li kien sekondat mill-Kunsilliera s-Sinjura Joanne Borg. Dawk li vvutaw favur kienu :- Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg u l-Kunsillieri s-Sinjuri: Emanuel Aquilina, Mark George Abdilla, Joanne Borg, John Borg, Rita Borg, John Mary Calleja, Anthony Buttigieg, Dr George Debattista, Rose Frendo, u Chirelle Sciberras..

## 5 Approvazzjoni tal-Lista tal-Flus Kontanti

Il-lista tal-flus kontanti tal-perjodu ta' l-24/6/2009 tas-6/8/2009 kienet tqassmet lill-kunsilliera kollha ma' l-agenda u ttiehdet bhala moqrija. Il-lista ġiet approvata bi tnax-il vot favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dan wara li tressqet ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami li kien sekondat mill-Kunsilliera s-Sinjura Joanne Borg. Dawk li vvutaw favur kienu :- Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg u l-Kunsillieri s-Sinjuri: Emanuel Aquilina, Mark George Abdilla, Joanne Borg, John Borg, Rita Borg, John Mary Calleja, Anthony Buttigieg, Dr George Debattista, Rose Frendo, u Chirelle Sciberras..

## 6 Korrispondenza

6.1 Ittra bid-data tas-18 ta' Awwissu 2009 minghand is-Sinjorina Giorgina Mallia, Segretarja Bord ta' Evalwazzjoni Skema *Energy Saving.* Il-Kunsill gie nformat illi l-applikazzjoni tal-Kunsill ghall-ghajnuna finanzjarja kienet giet riveduta u l-ghajnuna finanzjarja kienet ser tkun ta' 7,900 ewro minflok 4,800 ewro.

## 7 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

7.1 Is-Sindku s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ghamel riferenza ghad-dokument li kien gie pprezentat waqt l-ahhar laqgha tal-Kunsill mill-Kunsillier Dr. Geoerge Debattista liema dokument kien jikkonsisti b'sett ta' hdax il-mistoqsijiet. Is-Sindku qal illi twegibiet ghal mistoqsijiet li saru kienu ser jinghataw f'wahda mil-laqghat li jmiss tal-Kunsill.

## 8 Komunikazzjoni mis-Sindku

8.1 Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami informa lill-membri prezenti illi kien intlahaq krompromess mal-bejjiegha tal-monti liema bejjiegha jarmaw quddiem il-garaxxijiet tal-familja Camilleri, biex l-istess bejjiegha jibdew jarmaw faccatta ta' fejn qed jarmaw fil-prezent. Dwar dan il-krompromess kien hemm qbil unanimu.

Hawnhekk saret diskussjoni qasira fejn fost l-ohrajn il-Kunsilliera is-Sinjura Joanne Borg ssuggeriet illi ghandha ssir proposta biex is-suq jibda jintrama' fil-*by-pass.* Is-Sindku wiegeb illi nghatajna parir biex ghalissa nzommu kollox *on hold* minhabba li l-Gvern qed jahseb biex fi zmien li gej jemenda l-ligi tas-swieq.

8.2 Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami nforma lill-membri prezenti illi l-ftehim il-gdid mad-Dipartiment tas-Sahha nkonnessjoni mal-kirja li huma jhallsu ghall-ufficcini ecc taghhom fic-Centru Civiku mistenni jkun konkluz sa l-ahhar ta' Settembru. Is-Sindku qal li ghal dan il-ghan kien tqabbad inginier biex jezamina s-sistema tad-dawl biex fost l-ohrajn jigi identifikat fejn ser jehlu s-*submeters* tad-dawl ghal kull dipartiment.

8.3 Il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg staqsa lis-Sindku meta kien sejjer jigi pprezentat ir-rapport finanzjarju mill-*accountant* kif ukoll il-*managment letter* ta' l-awditur ?. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal illi rapport li qed isemmi l-Kunsillier kien gie pprezentat fil-laqgha precedenti. Dwar il-*management letter* is-Sindku qal li l-Kunsill sal-lum kien ghadu ma rcevihiex.

**8.4 Il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg irrimarkat li t-triq biswiet il-kappella ta' Santu Rokku (triq il-Herba ghandha bzonn it-tarmak).**

8.5 Il-Kunsilliera s-Sinjura Joanne Borg irrimarkat fuq :-

A l-iskip ta' Triq il-Qattus terga' titpogga hdejn il-bandli. Il-kunsilliera ipprezentat petizzjoni mir-residenti tat-triq imsemmija. B'riferenza ghal dan is-Sindku qal li l-iskip kienet tnehhiet minn hdejn il-bandli minhabba s-sigurta' ta' ufficjal tal-pulizija kif ukoll minhabba l-igene ghat-tfal li juzaw il-bandli. Hawnhekk saret diskussjoni u gie deciz illi l-Kunsilliera ghandha tikkonsulta mar-residenti li pprezentaw il-petizzjoni, biex taraha min mir-residenti rid l-iskip quddiemu.

B id-dranagg fi triq is-Sisla mhux ikkomunikat kif suppost minhabba li dan kien qed ifawwar. Is-Sindku qal li konna ser nirrapurtaw dan l-ilment lid-dipartiment tad-dranagg.

C il-problema ta'fejn izomm l-ilma fi Triq FS Caruana. Is-Sindku wiegeb illi hu kien ikkonsulta ma' l-ADT fejn kien gie ssuggerit minnhom li issir *soak away* fejn hemm il-problema.

D il-problema ta' l-gharghar fi triq l-Imsida fejn b'konsegwenza qed ibghatu xi residenti li jghixu fil-flattijiet il-godda tal-Gvern. Is-Sindku qal li dwar din il-problema kienu gew innotifikati l-ADT.

E il-hmieg li qed jitwaddab madwar l-iskips. Is-Sindku qal li dwar din il-problema kellimna lill-kuntrattur is-sinjuri Gauci biex inaddfu madwar l-iskips f'hinijiet varji tal-gurnata.

8.6 Il-Kunsillier is-Sur Emanuel **Aquilina** lmenta dwar zbroff ta' drannagg hdejn Sqaq numru 1 fi Triq il-Wied. Is-Sindku qal li konna ser nirrapurtaw dan l-ilment lid-dipartiment tad-dranagg. Is-Sur **Aquilina** ilmenta ukoll ghar-*railing* nieqes fi Triq il-Wied (taht il-pont) li kien inqala waqt xoghol ta' kostruzzjoni u ma regax sar. Is-sindku qal li dwar dan konna gbidna l-attenzjoni tal-kuntrattur inkwistjoni. Is-Sindku qal li dwar dan ghandna nergghu nkellmu l-kuntrattur.

8.7 Il-Kunsillier Dr. George Debattista staqsa jekk it-tarag ta' l-injam li jaghti mill-pont ta' Santu Rokku ghal Wied jistax isir gdid.. Is-Sindku qal li kienet intalbet kwotazzjoni minghand il-*handyman* taghna.

## 9 Aggornament

Ghall-habta tat-7.55 pm bil-permess tal-membri prezenti s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami aggorna l-laqgha ghan-nhar it-Tlieta, 22 ta'Settembru 2009 fis-6.00pm..

Joseph Tabone
**Segretarju Ezekuttiv**

Michael Fenech Adami
**Sindku**